4. **Immarka b'salib (X) it-tifsira t-tajba ta' dawn l-idjomi li ġejjin.**

(i) Kemm jesa' ġildu.
a. kemm jista' jdaħħal taħt il-ġild.
b. għandu ħafna flus.
ċ. għal ħabba jqaxxar qamla.

(ii) B'kemm tara b'għajnejk.
a. kemm tista' tara l-vista tiegħek.
b. għandek vista tajba.
ċ. bilkemm tista' tara sewwa.

(iii) Wiċċ sid il-kera.
a wieħed li għandu wiċċu sabiħ.
b. wiċċ ikrah dagħwa.
ċ. wiċċ ta' wieħed dejjem bin-nervi.

(iv) Ħelu zokkor.
a. djabetiku.
b. bniedem li ġentili fi kliemu u f'għemilu
ċ. ħelu mħallat ma' ħafna zokkor.

(v) Tmur għal għajnu.
a. tagħmel kif jixtieq ħaddieħor biex tintgħoġob miegħu.
b. tagħmillu kuħħala f'għajnu
ċ. tara x'lewn hija għajnu.

**(10 marki)**

# TMIEM



# POST TA' SECURITY GUARD FIL-MINISTERU GHAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

## ĦIN – Siegħa u nofs

## Awwissu 2011

**IL-KITBA KOLLHA TRID ISSIR FUQ L-ISKRITT IPPROVDUT.**

1. **KOMPONIMENT**

a) Il-komputer u t-tfal
b) Bniedem fitt
ċ) Ħolma li kelli
d) Film li kont rajt
e) Din is-sħana.....
f) L-Għaqda fost il-Ħaddiema **(40 marka)**

2. **Aqra sew din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet li hemm taħtha :**

Madwar erba' mitt sena qabel Kristu, f'Sirakusa, belt fi Sqallija, ġrat storja li baqgħet tissemma. Dak iż-żmien Sirakusa kienet taħt il-ħakma ta' Dijonisju, bniedem bla qalb u li ma kien jaħfirha lil ħadd.

Mela jkun hemm żewġt irġiel, Damone u Pizja, li kienu ħbieb tassew u jħobbu lil xulxin daqs l-aħwa. Ġara li Pizja mar kontra x-xewqa tal-ħakem Dijonisju, u dan il-kiefer ikkundanna lil Pizja għall-mewt. L-imsejken Pizja talab li qabel joqtluh iħalluh imur jara għall-aħħar darba lill-familja tiegħu. Iżda Dijonisju ma kienx sejjer iħalli lil Pizja joħroġ mill-ħabs u jitilqu li jkun jista' jaħrab u ma jerġax lura.

Hawn inqala' Damone li, bħala ħabib tal-qalb ta' Pizja, mar quddiem Dijonisu u talbu biex iħalli lil Pizja jmur jara lil niesu. Qal ukoll lil Dijonisu, li hu kien jagħmel tajjeb għal Pizja, saħansitra jibqa' floku fil-ħabs u, kemm-il-darba Pizja ma jerġax lura filwaqt, kien lest biex jieħu l-mewt minfloku!

Għal dan il-kliem Dijonisu ħalla lil Pizja jmur jara lill-familja tiegħu, u żamm lil Damone kkalzrat biex jagħmel tajjeb għal ħabibu. Wieħed jista' jaħseb kemm feraħ Pizja meta qata' xewqtu, u ra għall-aħħar darba lill-għażiża martu, lill-maħbuba tarbija li kellu, lil niesu u lil ħbiebu l-oħra. Imma min-naħa l-oħra x'għali kellu meta ftakar li ma kellux jarahom iżjed!

Ta l-aħħar bewsa lil kulħadd, u fost il-biki ta' dawk il-maħbubin tiegħu, qabad iż-żiemel u telaq lura biex iżomm kelmtu u jeħles lil ħabibu Damone.

U x'taħsbu li ġara ? Lil Pizja qatlulu ż-żiemel li fuqu kien riekeb! Issa żgur li ma kienx sejjer jilħaq ! Mela waslet is-siegħa li Pizja kellu jiġi maqtul, iżda, x'waħda din! Dan kien għadu ma wasalx. Bla ħniena xejn qabdu lil Damone biex ineħħulu ħajtu, għax hu kien għamel tajjeb għal Pizja.

Din kienet dehra oħra ta' qsim il-qalb, meta n-nies raw kif l-imsejken Damone, biex juri mħabbtu lejn ħabibu, kien sejjer imut hu. Madanakollu Damone kien jaf li Pizja ma kienx sejjer jidħak bih, u tassew li kien hekk.

Wasal fl-aħħar il-ħin tal-mewt, u kulħadd jibki x-xorti ħazina li messet lil Damone, meta, f'daqqa waħda, deher raġel nifsu maqtugħ bil-ġiri, li qasam il-kotra tan-nies, laħaq lil Damone u , nofsu mejjet bil-għeja, xteħet ma' għonqu.



In-nies li kien hemm baqgħu jħarsu lejn xulxin, iżda l-għaġeb iktar kiber meta raw li kull wieħed minn dawn iż-żewġt iħbieb talab lil Dijonisu biex jieħu l-mewt hu għal ħabibu!

Din l-imġiba qalbenija bejn dawn iż-żewġt iħbieb rattbet saħansitra l-qalb tal-kiefer Dijonisu, li, meta ra dik l-imħabba kollha, ħeles lil Damone u ħafer lil Pizja u talabhom li jkun ħabib tagħhom ukoll.

*(E. B. Vella- : Ġabra Ta' Ward – It-Tieni Ktieb)*

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:

a) **Ikteb 'veru' jew 'falz' fejn kull waħda minn dawn is-sentenzi :**

1. Il-post kien taħt il-ħakma ta' Dijonisju.
2. Pizja kien il-ħakem ta' fejn ġrat din l-istorja.
3. Kalzrat tfisser kien maqful il-ħabs.
4. Il-kotra tan-nies kienet miġbura biex jaraw il-mewt ta' Damone.
5. Dijonisju kien bniedem ħanin.

**(20 marka)**

b) **Fisser fi kliemek dawn il-frazijiet :**

1) Bniedem bla qalb
2) Jħobbu lil xulxin daqs l-aħwa
3) Ħabib tal-qalb
4) Kien għamel tajjeb
5) Dehra oħra ta'qsim il-qalb

**(20 marka)**

3 **LINGWA**

**Daħħal fil-vojt ta' dawn is-sentenzi waħda mill-kelmiet fil-parentesi ħdejhom.**

a. ________ mhu 'l fuq mil-liġi. (ħadt; ħadd; ħatt)

b. ________ hu bla ħtija jwaddab l-ewwel ġebla. (minn; min; min-)

ċ. Lil Mary Joe ________ mat-tifla żgħira. (raha; ragħa; ra)

d. Iċ-ċurkett ________ nanntu kellu ġawrha. (taha; ta; ta')

e. Kien ________ il-ħin u għalaq il-ħanut. (sar; sahar; sarr)

**(10 marki)**